MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 508/1999/1

**Charles Cuschieri ezercenti l-professjoni ta' ingenjier taht l-isem "Camilleri & Cuschieri"**

**vs**

**Jacksons Company Ltd u**
**b'digriet tat-13 ta' Mejju, 1999 giet kjamata fil-kawza s-socjeta'**
**FGP Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fid-9 ta' April, 1999 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lill-attur s-somma ta' mitejn u disgha u disghin lira Maltin (Lm299.00) dovuta minnha bhala bilanc ta' drittijiet professjonali u rimborz ta' spejjez in konnessjoni ma' servizzi professjonali forniti minnu lis-socjeta' konvenuta bhala arbitru.

Bl-imghax dekorribbli mit-2 ta' Mejju, 1995, u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' qbid numru 637/99 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi hija ma ghandha taghti ebda ammont lill-attur kif mitlub fl-Avviz odjern;
2. Illi l-attur proprio kien mahtur bhala perit tekniku mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "Gioacchino sive Jack Scerri noe ( *u cioe' is-socjeta' konvenuta odjerna* ) vs. Anthony Darmanin noe" fejn l-eccipjenti kienet qed tfittex ghal hlas ta' xogholijiet minnha maghmula lis-socjeta' FGP Limited kif rapprezentata minn Anthony Darmanin. Wara l-bidu tal-gbir tal-provi fl-istess kawza, gie miftiehem mill-partijiet li l-perit tekniku kellu jaghmel stima tax-xogholijiet li saru. Jekk din l-istima taghti ragun lill-eccipjenti, allur l-kont tas-servizzi professjonali kellhom jithallsu mis-socjeta' FGP Limited – fil-kaz kuntrarju dawn kellhom jithallsu mill-eccipjenti. L-istima tat ragun komplet lill-eccipjenti u ghalhekk kull hlas ghas-servizzi professjonali kellu jsir fl-intier tieghu mis-socjeta' FGP Limited;
3. Illi ghalhekk isegwi ukoll illi ghandha tigi kkjamata fil-kawza s-socjeta' FGP Limited;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Mejju, 1999 fejn ordnat il-kjamat fil-kawza tas-socjeta' FGP Limited;

Rat in-nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' kjamata in kawza FGP Limited fejn eccepiet:

1. Illi ma tezisti l-ebda relazzjoni giuridika bejn l-attur bhala arbitru u s-socjeta' kjamata in kawza;
2. Illi l-attur gie nominat bhala espert tekniku fil-kawza fl-ismijiet Giacchino Scerri noe vs Anthony Darmanin noe (cit. Nru. 556/91 DS) a spejjez ta' l-attur liema kawza giet ceduta fl-4 ta' Gunju, 1999;

3. Illi konsegwentement l-eccipjent mhux debitur ta’ l-attur;
4. Salv kull eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjoni Ulterjuri ta’ preskrizzjoni pprezentata fil-31 ta’ Jannar, 2003 wara li s-socjeta’ konvenuta kienet debitament awtorizzata sabiex tipprezenta dawn l-eccezzjonijiet fejn eccepiet ulterjorament:

1. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet diga’ sollevati, l-azzjoni attrici fil-konfront ta’ l-eccipjenti hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Ikkunsidrat:

Bl-eccezzjoni ulterjuri fuq imsemmija, s-socjeta’ konvenuta poggiet ostakolu ta’ sentejn ghall-azzjoni ta’ l-attur sabiex jirkurpra d-drittijiet u l-ispejjez wara illi gie mqabbad bhala arbitru bejn is-socjeta’ konvenuta u s-socjeta’ kjamata fil-kawza.

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta’ konvenuta kienet ghamlet xoghol estensiv ta’ nstallar ta’ apparat ta’ l-eletriku fil-fabrika tas-socjeta’ kjamata fil-kawza. Kien hemm kwistjoni bejn dawn it-tnejn dwar il-hlasijiet li kellha tircievi s-socjeta’ konvenuta u ghalhekk kien gie mqabbad l-attur bhala abitru biex jirrelata dwar it-talbiet tas-socjeta’ konvenuta. Mar rrizultax car xi ftehim sar dwar il-hlas ta’ l-arbitru, fejn originarjament jidher illi sar ftehim illi l-arbitru kellu jithallas nofs b’nofs. (Ara ittra 27 ta’ Novembru, 1990 a fol. 79)

Pero’ f’dak l-istadju l-inkarigu kien gie abbandunat biex jaghti opportunita lill-partijiet jaslu fi ftehim bejnithom. Dan pero’ ma sarx u s-socjeta’ konvenuta ghamlet kawza kontra l-FGP Limited ghall-hlasijiet dovuti lilha. F’din il-kawza l-attur gie nominat bhala perit tekniku bl-assistenza ta’ l-avukat Philip Manduca.

Fil-kors ta’ dan l-inkarigu, sar ftehim bejn il-partijiet illi l-attur ikompli bl-inkarigu tieghu fuq bazi personali. Mhux car jekk sarx ftehim dwar il-modalita’ tal-hlas tad-drittijiet ta’ l-attur.

L-attur, a folio 20 jghid illi dan sar fl-1994. Ir-rapport tlesta f’April, 1995
(fol. 22) pero’ dam hafna ma thallas. Wara xi sejtejn innegozja rata gdida ma’ l-FGP illi hallset id-drittijiet ta’ sehmha dovuti lill-attur. Sa dan it-tant, skond dan ta’ l-ahhar, kien qed jibghat *statements* kull xahar lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas sehemha, izda din qatt ma hallset. Meta l-attur iltaqa’ ma’ Jack Scerri, r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta, ghall-ewwel qallu illi malli jircievi l-hlas minghand is-socjeta’ FGP, ihallas. Izda wara illi fetah il-kawza qallu illi l-ammont kellu jithallas kollu mill-FGP.

Ghalhekk, il-kwistjoni illi qamet f’din il-kawza kienet tirrigwarda l-ftehim tal-hlasijiet dovuti lill-attur, kellux jithallas mill-parti sokkombenti jew inkella nofs b’nofs kif qal l-attur.

Skond Jack Scerri, dan dejjem oggezzjona li jhallas xi sehem dovut lill-attur, peress illi nsista illi l-hlasijiet kollha kellhom isiru mis-socjeta’ FGP bhala l-parti sokkombenti. Il-konvenut minn dejjem qal illi l-ftehim kien illi min jitlef ihallas. Dan ukoll gie kkonfermat minn Dr Alex Perici Calascione a fol. 52 fejn fost affarijiet ohra jkompli jinsisti illi l-kwistjoni tal-pagamaent tas-sur Cuschieri ma kienx xi fattur determinanti bejn il-partijiet (fol. 54) li, f’dak l-istadju, l-kwistjoni tal-hlasijiet dovuta lis-socjeta’ konvenuta ghax-xogholijiet esegwiti kienet aktar importanti mill-hlasijiet tal-perit. Il-kontroversja qamet wara li l-perit lesta r-rapport tieghu u pprezenta l-ewwel kont.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tirrileva illi fix-xhieda moghtija mill-attur jidher illi dan halla hafna zmien jghaddi qabel ma beda jaghmel xi haga biex jirkupra d-drittijiet tieghu.  Kif gia gie accennat aktar il-fuq, l-attur qal (fol. 22), “Fl-ahhar, wara hafna zmien kwazi sentejn, jiena kont gejt ikkuntattjat minn Tony Darmanin ghall-FGP, u dan kien innegozja mieghi rata gdida u sabiex jiena naqta’ l-kwistjoni kont naqqast xi haga mill-kont tieghi u s-sur Darmanin ghall-FGP kien hallas dak l-ammont illi konna ftehmna.”  Ghalhekk, fi kliemu stess jidher illi l-perijodu preskrittiv imsemmi fl-Artikolu 2149 (c) ghadda kontra tieghu.

Tibqa’ l-kwistjoni kienx hemm xi rinunzja da parti tas-socjeta’ konvenuta jew inkella ntbaghtitx xi ittra ufficjali biex jigi nterrott dan it-terminu.

Ikkunsidrat:

Mill-atti tal-kawza ma jirrizultax li saret xi ittra ufficjali u ghalhekk ma jistax jitqies li kien hemm xi nterruzzjoni b’dan is-sens.

Rigward ir-rinuzja hemm kontroversja bejn il-partijiet fis-sens, illi filwaqt li l-attur jghid illi ghall-ewwel li Jack Scerri kien jghidlu li malli jircievi l-hlas mill-FGP jhallas, fil-mori ta’ din il-kawza Scerri kien qallu li l-ammont ma kienx dovut minnu izda mill-FGP.

Din hija t-tezi illi Jack Scerri jghid illi haddan mill-bidu nett, hekk kif ircieva l-kont mill-ewwel mar ghand l-avukat biex jikkonstestah.  Fl-ahhar xhieda li ta a fol. 107 Jack Scerri jghid, “Jiena mall-ewwel oggezzjonajt illi kelli naghti xi flus lill-attur.  Dak inhar stess illi rcevejt il-kont, filghaxija fil-hamsa, kont qieghed ghandu u ghidtlu illi ma kienx qieghed jippretendi hlas minghandi… Jiena nerga nghid illi jiena m’ghandix naghti flus lill-attur.”

Ikkunsidrat:

Illi fit-trattazzjoni tieghu l-abbli avukat ta' l-attur qajjem il-kwistjoni ta' l-eccezzjonijiet formali tas-socjeta' konvenuta u qal illi dawn l-eccezzjonijiet, kif formolati huma nkompatibbli ma' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan u taghmel referenza ghall-kawza riportata fil-Volum XXIV I pagna 329 fejn inghad, "Il-gurisprudenza taghna m'ghadhiex tammetti t-teorija li l-preskrizzjonijiet brevi huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagamenti; ghax il-gurament li l-eccipjent jigi msejjah jiehu mhuwiex dak li hu hallas, izda li mhux debitur u ghalhekk, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni brevi hija kompatibbli ma' eccezzjonijiet ohra li jwasslu ghal konsegwenza li l-eccipjent mhux debitur."

Ghalhekk, il-Qorti ma tara xejn inkompatibbli bejn l-ewwel eccezzjonijiet u dawk ulterjuri pprezentati mis-socjeta' konvenuta.

Ghal dak illi jirrigwarda r-rinunzja, l-gurisprudenza tghallem li din trid tkun ippruvata b'mod car u konkludenti u ma tistax tigi ammessa meta hija bazata fuq atti u fatti li ma humiex univoci u jistghu jatghu lok ghall-interpretazzjonijiet diversi. (Vol XXXV I pagna 101 u Vol XXX I pagna 542)

Fl-isfond ta' dan it-taghlim, ma jistax jinghad li r-rinunzja ghall-preskrizzjoni giet ippruvata b'mod car u konkludenti, zgur illi Jack Scerri qatt m'ammetta illi kellu jaghti xi haga lill-attur u l-kontroversji li jinqalghu bejn il-partijiet dwar min u kif kellhom jithallsu d-drittijiet tieghu huma soggetti ghall-varji nterpretazzjonijiet u ghalhekk ma hemm xejn car x'jista jigi addebitat lill-agir tal-partijiet u wisq anqas ta' Jack Scerri.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut jista jqajjem b'success l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjar l-azzjoni attrici preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili u

konsegwentement tichad it-talba ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------